MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**SCICLUNA DAVID**

Seduta ta' 07 ta' Novembru, 2002

Numru 1/2000

**Att ta' Akkuza Nru. 1/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Mark Pace**

Illum, 7 ta' Novembru 2002

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2000 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Rat l-Atti ta' Akkuza 1/2000;

Rat il-verdett registrat illum, 4 ta' Dicembru, 2000, li bih il-gurati:

*B'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra, sabu lill-Mark Pace hati ta' l-akkuza taht l-Ewwel u l-uniku Kap f'dan l-Att ta' Akkuza.*

Tiddikjara ghalhekk lill-Mark Pace hati tar-reat kif dedott kontrih f'dan l-Att ta' Akkuza; u cioe talli: ***fl-4 ta' Dicembru, 1998, ghal xi l-4.45 p.m. mill-Banka tal-Lottu, 77, Arcade Street, Paola, seraq flus li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza (arma, sekwestru tal-persuna), mezz (maskra jew ghata tal-wicc), valur u lok.***

Semghet lill-avukati tad-difiza u tal-prosekuzzjoni jittrattaw dwar il-piena.

Hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi u cirkostanzi, u cioe':

***1. Illi ghalkemm il-verdett registrat illum huwa fil-minimu rikjest mill-ligi sabiex ikun validu, u ghalkemm l-ammont ta' flus misruqa fil-hold-up mill-Banka tal-Lottu in kwistjoni ma kienx xi ammont konsiderevoli stante li jirrizulta li kien ta' xi seba mitt lira Maltin (Lm700), xorta jibqa l-fatt li d-delitt li tieghu nstab hati Mark Pace huwa delitt ferm gravi, serju w preokkupanti.***

***2. Illi dan is-serq huwa aktar gravi peress li jirrizulta li jakkompanjawh kien hemm fost ohrajn l-aggravji tal-vjolenza (stante li kien hemm l-garr ta' arma mil-malviventi kif ukoll taz-zamma illegali tal-vittma), kif ukoll l-aggravju tal-mezz stante li l-malviventi ghattew***

***wicchom b'xi barnuza bhal balaklavi biex ma jintgharfux.***

***3. Illi s-socjeta Maltija tinsab preokkupata hafna b'delitti bhal dawn tal-kaz prezenti, liema hold-ups qeghdin isiru pjuttost ta' spiss, fejn qed jintuzaw armi tan-nar, li kultant igibu konsegwenzi serjissimi, anke fatali u fejn jidher li dawn l-armi qeghdin ikunu a disposizzjoni tal-malviventi piuttost facilment, u ghalhekk is-socjeta ghandha kull dritt tippretendi li tinghata kull protezzjoni bl-ahjar mezz possibbli.***

***4. Qieset li l-hati Mark Pace ghandu fedina penali refrattarja u xejn felici li indubbjament turi d-disposizzjoni tieghu ghall-hajja kriminali.***

***5. Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-verdett ta' kif Mark Pace instab hati ta' l-unika akkuza li hemm kontrih.***

Rat l-Artikoli 261 (a) (b) (c) (e), 262 (1) (a) (b), 263 (b), 267, 269 (a), 275, 277 (b), 279 (a), 280 (2), 31 (1) (b) (ix) (viii) (vii) (v) (iv) u 533 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna lil Mark Pace ghall-piena karcerarja ta' erba' (4) snin, bit-tnaqqis ta' kull zmien li hu kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Tikkundanna ukoll lill-hati li jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rappresentanti sehmu stabbilit minn din il-Qorti mill-ispejjez peritali konnessi mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, u dan fi zmien tliet (3) xhur mil-lum."

Rat li minn din is-sentenza Mark Pace nterpona appell permezz ta' rikors ta' appell tieghu datat 22 ta' Dicembru 2000, u dan billi hassu aggravat mid-decizjoni, li bih talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza billi tnaqqas l-piena karcerarja ghal wahda inqas u dan kif mitlub fl-att ta' akkuza bhala minimu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' l-appellant ta' l-14 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha gharraf lil din il-Qorti li ma hemmx il-htiega li r-rikors ta' l-appell tieghu jkun ritrattat u ghalhekk ser jibqa' fuq it-trattazzjoni gja` maghmula quddiem din il-Qorti diversament komposta;

Ikkunsidrat:

L-appellant jelenka l-aggravji tieghu kif gej:

" (1) li l-ID  parade kienet wahda vizzjata u li skond il-procedura uzata mill-pulizija kif ghandhom wkoll r-regoli li ghandhom jimxu maghhom, l-procedura ma gietx segwita b'detriment serju u abusiv fil-konfront ta' l-appellant u li ghalhekk din l-prova kellha tigi skartata kompletament;
(2) li ma kienx hemm ghalhekk prova ohra anke cirkostanzjali li tpoggi l-appellant fil-hin u post fejn sar l-allegat delitt u ghalhekk sar gudizzju hazin fuq il-persuna ta' l-appellant;
(3) li l-pulizija ddirigiet hija indizzji ta' provi fil-konfront ta' l-appellant li ma jwasslux ghal konvinciment morali fin-nuqqas ta' provi ohra;
(4) minghajr pregudizzju ghall-aggravji ndikati l-piena inflitta fic-cirkostanzi kienet wahda qawwija meta l-minimu kien ta' 18 il-xahar habs u l-verdett tal-gurati kien l-iktar wiehed minimu accettat skond il-ligi;
(5)  salv aggravji ohra li jigu trattati waqt is-smiegh ta' dan l-appell;"

Qabel xejn din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-hames paragrafu ta' l-aggravji li permezz tieghu l-appellant ippretenda li seta' jittratta aggravji ohra li ma semmiex fir-rikors ta' l-appell. Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors *"ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil-qosor imma cari,* ***ir-raguni ta' l-appell*** (enfazi tal-Qorti) *u*

*t-talba ta' l-appellant"*. Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji li huma specifikati fil-paragrafi numri (1) sa (4).

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant, u forsi dak principali, huwa bazat fuq il-kwistjoni delikata ta' l-identifikazzjoni ta' l-appellant b'dan li dak li l-appellant qieghed jattakka hija l-procedura adottata mill-pulizija biex issir *identification parade*.

Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235), "il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid **x'mhux mehtieg** u mhux **x'inhu mehtieg**". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:

"Biex issir il-prova ta' l-identita' ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".

Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat *in extenso*. Hija fil-fatt qalet:

"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal ,per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun <u>ipprecediet</u> l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma

hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu *identification parades*; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-*Code of Practice D* taht il-*Police and Criminal Evidence Act, 1984*. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, *'only one witness shall be shown photographs at any one time'* (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u *'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help'* (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal *identification parades* dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

*'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …'* (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (*eye-witness testimony*) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief

Justice Miles fis-*Supreme Court of the Australian Capital Territory* fil-kawza **Sharrett vs Gill** (1993) 65 A Crim R. 44:

*'… I am unaware of any authority in this country or elsewhere … that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';*

Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' veramentr tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' *identification evidence*. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' **Turnbull** (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In*

*addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger'* (ara *Blackstone's Criminal Practice*, 1991, pagna 1991; *Archbold*, 1997, pagni 1255-1256)".

Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar** moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), "skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja *identification parade*". Hija qalet:

"Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) *per* W. Harding fil-kawza 'Il-Pulizija vs *Leading Steward* Victor Dalmas' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, *piu' o meno* ta' l-istess eta' u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom';

M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ *in R. vs Parks* ((1961) I.W.L.R. 1484) *'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice'* u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga' din il-Qorti fis-sentenza taghha *in re* Il-Maesta' Taghha r-Regina vs Joseph Hallet moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati *miscarriages of justice*'".

Fil-kaz in dizamina l-appellant jippretendi li l-prova ta' l-*identification parade* kellha tigi skartata kompletament. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha processwali, inkluzi d-depozizzjoniiet tax-xhieda, id-dokumenti esebiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri. Minn dak li rrizultalha m'hemm l-ebda dubju li l-prekawzjonijiet li l-pulizija kellha tiehu biex jigu osservati dawk il-kriterji hawn fuq imsemmija ghall-*identification parade* li saret u li fiha kien inkluz l-appellant <u>ma ttihdux</u>. Harsa lejn ir-ritratti ta' din l-*identification parade* (Dok. CM1 esebiti mill-Ispettur Carmelo Magri fit-18 ta' Dicembru 1998 fl-atti tal-kumpilazzjoni) turi li l-persuni l-ohra nkluzi f'din il-*parade* kienu <u>differenti ferm</u> fil-fizjonomija taghhom mill-appellant,

u dan apparti l-fatt li kollha, ghajr l-appellant, kienu membri fil-korp tal-pulizija meta l-identifikazzjoni kienet qed issir minn membru tal-korp, u cioe` P.C. 1594 Brian Caruana. Dan pero` ma jfissirx li l-*identification parade* in kwistjoni tista' tigi dikjarata bhala "illegali" stante li m'hemm l-ebda ligi li tirregola din il-procedura. Ifisser biss li l-procedura li ntuzat tinficja fuq l-attendibilita` ta' din il-prova mehuda wahedha. U dan kollu gie spjegat tajjeb lill-gurati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu. Huwa spjega f'dawn it-termini:

"Il-kritika tad-difiza - u kienet kritika gusta … kienet il-mod u l-metodu ta' kif saret l-*identification parade* - fejn inti ghandek persuna li suppost ser taghraf lil xi hadd, u din tigi murija tmienja min-nies - fosthom wiehed biss bid-daqna, b'sinjal evidenti allura tikkorrobora jew taqbel mad-deskrizzjoni li kien ta qabel il-P.C. Caruana - u dan jaghraf lil din il-persuna; ma kellux xelta ohra dan hlief li jaghraf lil dik il-persuna - pero` ftakru li dejjem qabel kien gharfu mir-ritratti. Ghal dik li hija metodu ta' *identification parade*, jista' jaghti l-kaz, kif qal Dr. Farrugia, ma gewx segwiti certu … *guidelines*. Pero` mill-banda l-ohra tridu tkunu tafu sinjuri gurati li hawn Malta ma hemm ebda ligi, ma hemm ebda regoli li ghandhom forza ta' ligi, kif jew meta ghandha ssir *identification parade*…. Illum il-pulizija ghandhom f'idejhom certu *guidelines* mahrugin mill-pulizija stess … fejn preferibilment meta ssir *identification parade* dawk il-*guidelines* ghandhom jigu segwiti - per ezempju ghandek jekk inti ser taghmel *line-up* ta' nies, kemm jista' jkun dawk in-nies ghandhom ikunu jixxiebhu kemm minn dik li hija statura, xebh, apparenza, ecc. *Guidelines* li wara kollox johorgu mis-sens komun … jigifieri mhijiex haga tajba illi f'*identification parade* ssir xi haga illi dak li jkun kwazi qed tissuggerilu kif ghandu jirrispondi …. Allura dawn il-*guidelines* qeghdin hemm sinjuri gurati biex preferibilment jigu segwiti u allura ma jinholoqx dawn ic-certu kritiki li smajna llum - pero` l-kritika tieghu kienet fl-opinjoni tieghi wahda gusta ghax veru f'dan il-kaz il-metodu tal-*identification parade* forsi kienet daqsxejn nieqsa minn dak li suppost wiehed kellu jippretendi, pero` l-kwistjoni ma tiqafx hemm sinjuri gurati.

Diga` ghidtilkom li ma tezisti ebda ligi f'Malta li timponi kif jew meta ghandha ssir l-*identification parade* - u jekk *I.D. parade* ma ssirx jew jekk *I.D. parade* ma ssirx skond il-kriterju li hemm, bhalma hija forsi fil-kaz tallum, ma jfissirx li forsi dik l-*I.D. parade* hija illegali, hazina, ma tistax toqghod fuqha, jekk toqoghdx fuqha jew le dika mbaghad intom araw - intom araw - ikkritikaw, intom ser taraw jekk dik l-*identification parade* bhala prova twassalkomx x'imkien, mhux hix nulla jew illegali jew hazina, jekk dik l-*I.D. parade* twassalkomx x'imkien. Pero` nerga' nghid ma tistghux intom tikkonsidraw il-prova tal-*identification parade* wahedha hekk minghajr ma tikkonsidraw cirkostanzi u provi ohra - bhac-cirkostanzi li semmejt qabel tar-ritratti. Jekk … ghall-grazzja ta' l-argument il-provi tal-prosekuzzjoni kienu limitati biss jew huma bbazati biss fuq din l-*identification parade* allura hemm hekk intom tridu taraw dik l-*identification parade* wahedha sa fejn tista' twassal - pero` jekk minbarra din l-*identification parade* hemm provi ohra, diretti, indiretti, allura tridu tikkonsidrawha flimkien mal-provi l-ohra; jekk intomx ser taccettawha bhala prova li twassal x'imkien dik hija haga f'idejkom. Imma anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument taqblu mad-difiza li dik l-*identification parade* ma tistax tistrieh fuqha bhala prova, ma tiqfux hemm sinjuri gurati, araw il-provi l-ohra".

In effetti l-*identification parade* ma kenitx l-unika prova dwar identifikazzjoni, kif donnu jrid jaghti x'jifhem l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu. Difatti l-*identification parade* ma kenitx l-ewwel stadju fil-process ta' identifikazzjoni. Jirrizulta li P.C. 1594 Brian Caruana, ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni, kien diga` identifika lill-akkuzat minn fuq ritratti wara li kien gie muri ktieb kontenenti numru kbir ta' ritratti ta' diversi persuni li jkunu gew investigati mill-pulizija. L-*identification parade* saret wara li l-appellant gie arrestat in segwitu ghall-identifikazzjoni li ghamel l-istess P.C. 1594 Brian Caruana minn fuq ir-ritratti. Dwar din l-identifikazzjoni a bazi tar-ritratti l-appellant ma jghid xejn fir-rikors ta' appell tieghu.

Issa fit-tieni aggravju tieghu l-appellant ighid li ma kienx hemm prova cirkostanzjali ohra li tpoggi lilu fil-hin u post

fejn sar id-delitt u fit-tielet aggravju li l-pulizija dderigiet hija indizji ta' provi fil-konfront ta' l-appellant.

Huwa minnu li kollox jidher li jorbot fuq l-identifikazzjoni li ghamel P.C. 1594 Brian Caruana. Izda marbuta ma' dik l-identifikazzjoni hemm numru ta' cirkostanzi ohra. P.C. 1594 xehed konsistentement li minn Hal-Luqa sa l-entrata ta' wara tac-cimiterju ta' l-Addolorata huwa nsegwa karrozza Mitsubishi bin-numru DAF 362. Din il-karrozza tappartjeni lil Anthony Pace, missier l-appellant, li kkonferma li dik il-karrozza juzawha hu, mart l-appellant u l-appellant stess. Meta dil-karrozza waqfet fl-entrata msemmija, nizlet minnha persuna (li ma gietx identifikata bhala xi wiehed jew wahda minn dawn it-tlieta) li marret tirkeb karrozza ohra tal-marka Tata bin-numru BBE 447 li pero` fiha kien hemm jistenna dak li gie identifikat minn P.C. 1594 bhala l-appellant li kellu balaclava mxammra fuq rasu. Dawn saqu minn hemm b'qawwa fid-direzzjoni ta' Rahal il-Gdid u ftit minuti wara l-istess Tata waqfet hdejn il-banka tal-lottu li tinsab 77 Arcade Street, Rahal il-Gdid fejn nizlu minnha zewg persuni libsin balaclava li wettqu *hold-up*. Din il-karrozza nstabet abbandunata aktar tard f'Hal-Farrug vicin *scrapyard* li ghandu missier l-appellant.

Issa din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, tara jekk a bazi tal-provi li ngabu f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legalment u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant a tenur ta' l-Att ta' Akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Hija tirrevoka biss meta jkun manifest li ebda gurija, *"properly directed"*, ma setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-verdett li tkun waslet ghalih, u dan minhabba li l-provi fl-assjem taghhom ikunu jew jeskludu r-reita` jew inkella jkunu necessarjament jiggeneraw jew ihallu dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu, dubbju li l-ligi tirrizerva favur l-akkuzat.

Jigi precizat li fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega tajjeb lill-gurati l-kuncett u l-import ta' l-oneru tal-prova li l-prosekuzzjoni ghandha skond il-ligi u li f'kaz ta'

dubju ragonevoli dan ghandu jmur favur l-akkuzat. Saret l-enfazi necessarja biex huma jkunu konxji tad-dover taghhom li jgharblu sewwa l-provi sabiex bl-iskrutinju taghhom jiddeterminaw jekk il-provi tal-prosekuzzjoni kienux in effetti jwasslu ghall-konvinzjoni taghhom dwar il-htija ta' l-akkuzat. Gie anke spjegat tajjeb il-grad ta' prova li l-akkuzat irid jasal ghalih una volta jixhed u jressaq il-provi tieghu

Minn dak li rat din il-Qorti ma jidhirx li hemm xi raguni legalment valida fit-termini appena msemmija ghaliex ghandha b'xi mod tvarja xi haga minn dak li ddecidew il-gurati bil-verdett taghhom dwar il-htija ta' l-appellant skond l-Att ta' Akkuza. Il-provi huma tali li in bazi taghhom, fl-assjem taghhom, il-gurati setghu ragonevolment u legalment jikkonkludu kif ikkonkludew. Difatti jirrizultaw provi cirkostanzjali ben precizi.

Huwa veru li l-appellant tella' numru ta' xhieda biex ifornu l-alibi tieghu. Izda s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jipprovdi kjarament li x-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. P.C. 1594 Brian Caruana kien konsistenti fit-tezi tieghu. Ic-certezza ta' l-identifikazzjoni tieghu ma gietx skossa bil-provi ta' l-appellant li juru certi inkonsistenzi. Il-Qorti nnotat per ezempju li l-appellant stess wera inkonsistenza bejn dak li stqarr fl-i*statement* tieghu lill-pulizija u dak li xehed fil-Qorti in kwantu ghall-hin li kien ma' certu Darren Spiteri. Anthony Pace, missier l-appellant, u li ttella' jixhed mill-prosekuzzjoni, sostna li l-karrozza tieghu kienet tkun il-hin kollu f'idejh ghajr xi hinijiet li l-appellant kien jehodha biex imur jiffirma l-ghassa. Izda mbaghad xi xhieda li tella' l-appellant in difesa qalu li l-karrozza dakinhar tal-hold-up kienet ipparkjata hdejn il-garaxx f'hinijiet li japprossimaw il-hin tal-hold-up. Anthony Pace sostna fix-xiehda tieghu li hadd aktar ma juza l-karrozza tieghu hlief hu stess, l-appellant u mart l-appellant, izda mbaghad l-appellant stess fix-xiehda tieghu qal li gieli taha lil haddiehor isuqha (isemmi lil certu Mazzitelli, l-gharus ta' oht il-mara ta' l-appellant). Huwa

evidenti li bil-verdett taghhom il-gurati ma emmnux l-alibi li pprezenta l-appellant.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk l-ewwel tliet aggravji ta' l-appellant huma respinti.

Ir-raba' aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena u jghid li kienet qawwija meta l-minimu kien ta' tmintax-il xahar.

Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti, inkluza n-natura tad-delitt u l-fedina penali refrattarja ta' l-appellant. Inoltre l-piena ma gietx inflitta fil-massimu taghha. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tirrespingi l-appell ta' Mark Pace u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

A. Testone
A/Registratur